# Brother Louis Camilleri F.S.C., Qaddej ta' Alla Raġel Sempliċi u Għaref lejn il-Ġieħ tal-Artali

Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic.

Għalkemm San Ġwann Battista De La Salle (1671-1719) – li din is-sena qed jitfakkar it-tielet ċentinarju mill-mewt tiegħu – qatt ma rifes il-gżejjer Maltin, l-ispirazzjoni tiegħu għal edukazzjoni miftugħha għal kulħadd, waslet fil-gżejjer Maltin fl-1903 permezz tal-Kongregazzjoni tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara li huwa waqqaf fl-1686, magħrufa fostna bħala l-'il-Frères'.

Ir-rabta ta' dawn il-Brothers mal-Gżira bdiet propju fl-1938 meta huma ttrasferew il-Kulleġġ Stella Maris, minn Villa Schinas f'Tas-Sliema, għall-parti ta' fuq ta' Triq San Albert fil-Gżirau. Meta seħħ dan, Dun Karlu Manchè, Kappillan tal-Gżira u eks student ta' Stella Maris, kien qed jaħseb biex iżejjen l-artali fuq il-ġnub tal-knisja parrokkjali ġdida. B'hekk, il-Brothers ħadu l-opportunità u ssuġġerew li wieħed mill-artali jkun iddedikat lil San Ġwann Battista De La Salle.

B'rikonoxximent għall-formazzjoni li rċieva mingħand il-Brothers, Manchè laqa' din it-talba u qabbad lill-pittur Ġanni Vella (1885-1977) biex ipitter kwadru ta' Ġwanni Battista De La Salle li tħallas mill-Brothers stess. B'hekk, il-parroċċa tal-Gżira tista' tiftaħar li tippossjiedi l-eqdem xbieha f'Malta tal-Fundatur tal-Brothers.

Tul dawn id-disgħin sena, madwar sittin Brother, għexu għal xi żmien, fil-Kulleġġ Stella Maris u ddedikaw ħinhom u l-enerġija kollha tagħhom b'risq il-formazzjoni ta' tant tfal u żgħażagħ mill- Gżira u mill-inħawi ta' madwarha. Minn din il-parroċċa Marjana nibtu wkoll numru ta' vokazzjonijiet għal mal-Brothers ta' De La Salle.

Wieħed minn dawk li, għalkemm mhux mill-Gżira, għadda snin twal jifforma parti mill-komunità tal-Brothers fil-Kulleġġ Stella Maris kien Bro. Louis Camilleri.

**Iben iż-Żurrieq**



It-tieni wild minn ħdax ta' Manwel Camilleri u Karmena mwielda Cachia, Antonju twieled iż-Żurrieq fil-31 ta' Awwissu 1923. Ta' 14-il sena ssieħeb mal--Brothers ta' De La Salle. Fis-7 ta' Settembru 1938 ħalla telaq minn Malta biex ikompli l-istudji u l-formazzjoni reliġjuża fi Franza minkejja ċ-ċirkustanzi diffiċli tat--Tieni Gwerra Dinjija. F'Ħadd il-Għid nhar it-, 28 ta' Marzu 1948, ħa l-aħħar voti tal-faqar, kastità, ubbidjenza u l-vot ta' permanenza fl-Isititut mal-Brothers tal-Iskejjel Insara. Daqslikieku dan ma kienx biżżejjed, Bro. Louis xtaq li jħaddan vot ieħor, jiġifieri dak ta' abbandun totali fl-imħabba mimlija ħniena ta' Alla.

Bro. Louis iddedika ħajtu għall-edukazzjoni Nisranija b'mod speċjali fil-Kulleġġi De La Salle, il-Birgu, u Stella Maris, il-Gżira, fejn kien strumentali fit-tagħlim ta' suġġetti ġodda u innovattivi, u kien dejjem aġġornat fil-qasam edukattiv. Fl-1981 sar direttur tan-novizzjat tal-Brothers fil-Mellieħa u, fl-istess żmien, provinċjal tas-sottoprovinċja ta' Malta. Fil-ħajja tiegħu ta' reliġjuż ikkonsagrat spikkaw il-virtujiet

tal-umiltà, tal-modestja, taż-żelu u tal-ħniena, tant li kien punt ta' referenza u gwida spiritwali għal ħafna nies, b'mod speċjali żgħażagħ. Fil-fatt jibqa' mfakkar minn ġenerazzjonijiet ta' għalliema, ġenituri u studenti li kienu influwenzati minnu kemm fuq livell akkademiku kif ukoll fuq livell spiritwali. Bro. Louis baqa' attiv sal-aħħar jiem ta' ħajtu billi ddedika ħinu jorganizza rtiri, laqgħat mal-istudenti u mal-koppji miżżewġin. Fl-1981, waqqaf il-Fraternità Lasalljana Signum Fidei u baqa' sa tmiem ħajtu l-moderatur tagħha. Sadattant beda jikteb it-talb u r-riflessjonijiet spiritwali tiegħu – minn dawn illum naraw l-identità Nisranija tiegħu.

Għadda għall-ħajja ta' dejjem fid-29 ta' Mejju 2011 fl-età ta' 87 sena.

**Ftuħ tal-Proċess Djoċesan**

Aktar kmieni din is-sena, Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, laqa' t-talba ta' Brother Rodolfo Cosimo Meoli F.S.C., Postulatur Ġenerali tal-Kongregazzjoni tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara, biex jitwaqqaf tribunal li jisma' l-Kawża għall-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' Brother Louis. Il-ftuħ formali tal-kawża, meqjus bħala l-ewwel seduta tat-Tribunal li jagħti bidu għall-Proċess Djoċesan, sar fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,, nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu 2019.

Mal-wasla tiegħu fil-Kon-Kattidral, Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, baqa' tiela' fuq il-presbiterju u, f'isem il-Kongregazzjoni tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara, ġie uffiċjalment mitlub li jinfetaħ il-Proċess Djoċesan fuq il-Ħajja, il-Virtù, u l-Fama tal-Qdusija ta' Brother Louis Camilleri F.S.C.

L-Arcisqof irċieva d-dokumenti u, filwaqt li wuriehom lill-Poplu ta' Alla preżenti fil-Kon-Katidral, wieġeb b'dawn il-kelmiet:
*"Nilqa' t-talba tiegħek magħmula f'isem il-Kongregazzjoni Lasalljana*
*u ġaladarba ma għandi xejn kuntrarju, nordna li tinfetaħ*
*din il-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni."*

Il-kongregazzjoni miġbura laqgħet din l-aħbar b'sinjal ta' ferħ.

Wara dan kien imiss li Mons. Arċcisqof jikkonferma n-nomina tal-membri tat-Tribunal. Kif titlob in-norma, dawn ġew mistoqsija pubblikament jekk jaċċettawx in-nomina u jekk kinux imħejjija li jwettquha b'fedeltà filwaqt li jżommu s-sigriet li hija ġġib magħha. Hekk kif huma lkoll wieġbu fl-affermattiv, wieħed wieħed, bdew jieħdu l-ġurament u jiffirmaw.

Wara li ġie fi tmiemu r-rit tal-ftuħ tal-Inkjesta Djoċesana, b'radd ta' ħajr lil Alla, kemm għal dak li kien għadu kif seħħ kif ukoll għad-don ta' ħajja daqstant eżemplari fil-persuna ta' Brother Louis Camilleri F.S.C., ġiet iċċelebrata l-Liturġija tal-Quddiesa. Waqt l-omelija tiegħu, Mons. Arċisqof qal li: "Meta tisma' x-xhieda tal-effett li ħalla Bro. Louis fuqna li konna nafuh u fuq ġenerazzjonijiet ta' studenti u għalliema, tirrealizza li fil-laqgħa ma' dan ir-raġel sempliċi u għaref, dak li jkun qiegħed jersaq lejn il-qalb ta' Alla."

Wara r-Rit ta' Tmiem il-Quddiesa, għal tliet darbiet, Mons. Arċisqof lissen: "Qaddej ta' Alla, Brother Louis Camilleri" u l-poplu miġbur wieġeb: "Itlob għalina."

**Xhieda importanti**

Dawk kollha li ġew f'kuntatt ma' Brother Louis matul ħajtu, fosthom eks apprentisti tat-Tarzna, eks studenti fil-kulleġġi, għalliema u kollaboraturi oħra huma mħeġġa biex ma joqogħdux lura milli jressqu x-xhieda tagħhom billi jibagħtu imejl fuq brotherlouiscamillerigroup@gmail.com u jiġu kkuntattjati minn persuni inkarigati dwar dan.

Min-naħa tagħna, hu dmirna li nitolbu biex, jekk Alla jrid, jasal dak il-jum li fih il-Knisja tagħti ġieħ lit-tifkira ta' Brother Louis u toffrihulna bħala xempju ta' ħajja Nisranija u, fl-istess waqt tippreżentahulna wkoll bħala protettur li jaqbeż għalina u li jgħinna biex bħalu ngħixu fil-grazzja u fl-imħabba ta' Alla.